

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

19.4.2007

PE 388.435v01-00

EMENDI 8-49

Abbozz ta' opinjoni

(PE 386.361v01-00)

Harald Ettl

Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni u l-għażla ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għal titjib tal-ħarsien tagħhom

Proposta għal direttiva (COM(2006)0787 – – C6-0053/2007 – 2006/0276(CNS))

Test propost mill-Kummissjoni

Emendi tal-Parlament

Emenda mressqa minn Christian Ehler

Emenda 8
Premessa 3

(3) F'Diċembru 2005, il-Kunsill għall-Ġustizzja u l-Intern talab lill-Kummissjoni biex tressaq proposta dwar Programm Ewropew għall-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika (EPCIP) u ddeċidiet li għandu jkun imsejjes fuq metodu li jqis ir-riskji kollha, bil-prijorità li jegħleb it-theddud mit-terroriżmu. B'dan il-mod, theddidiet li ġejjin mill-bniedem, daww teknoloġiċi u diżastri naturali għandhom ikunu meqjusa fil-proċess għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika, iżda għandha tingħata priyorità lit-theddida mit-terroriżmu. Jekk il-livell ta' miżuri ta' ħarsien kontra theddida partikolari

F'Diċembru 2005, il-Kunsill għall-Ġustizzja u l-Intern talab lill-Kummissjoni biex tressaq proposta dwar Programm Ewropew għall-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika (EPCIP) u ddeċidiet li għandu jkun imsejjes fuq metodu li jqis ir-riskji kollha, bil-prijorità li jegħleb it-theddud mit-terroriżmu. B'dan il-mod, theddidiet li ġejjin mill-bniedem, daww teknoloġiċi u diżastri naturali għandhom ikunu meqjusa fil-proċess għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika, iżda għandha tingħata priyorità lit-theddida mit-terroriżmu. ***Hawnhekk anki theddid ta' ċerti strutturi għandu jkun inkluż***, iżda għandha tingħata

AM\663141MT.doc

PE 388.435v01-00

ta' livell għoli jinstab li huwa adattat f'settur ta' infrastruttura kritika, il-partijiet ikkonċernati għandhom jiffokaw fuq theddid ieħor li għadhom vulnerabbli għalih.

prijorità lit-theddida mit-terroriżmu. Jekk il-livell ta' miżuri ta' ħarsien kontra theddida partikolari ta' livell għoli jinstab li huwa adattat f'settur ta' infrastruttura kritika, il-partijiet ikkonċernati għandhom jiffokaw fuq theddid ieħor li għadhom vulnerabbli għalih.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Żieda neċessarja biex tikkompleta l-premessa.

Emenda mressqa minn Christian Ehler

Emenda 9
Premessa 4

(4) ***Illum il-ġurnata r-responsabilità*** għall-ħarsien ta' l-infrastrutturi kritiċi taqa' l-ewwelnett fuq l-Istati Membri u l-propjetarji/operaturi ta' l-infrastrutturi kritiċi. Dan m'għandux jinbidel.

(4) ***Ir-responsabilità*** għall-ħarsien ta' l-infrastrutturi kritiċi taqa' l-ewwelnett fuq l-Istati Membri u l-propjetarji/operaturi ta' l-infrastrutturi kritiċi. Dan m'għandux jinbidel ***fil-futur***.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni tar-responsabilità nazzjonali.

Emenda mressqa minn Christian Ehler

Emenda 10
Premessa 5

(5) Hemm ċertu numru ta' infrastrutturi kritiċi fil-Komunità, li l-interuzzjoni jew il-qerda tagħhom tkun tolqot ***żewġ*** Stati Membri jew aktar jew ***Stat Membru*** għajr dak li fih tinsab l-infrastruttura kritika. Dan jista' jkollu effetti transkonfinali fuq setturi differenti, minħabba dipendenza bejn infrastrutturi konnessi. Tali infrastrutturi kritiċi Ewropej għandhom jiġu identifikati u magħżula permezz ta' proċedura komuni. Il-

Hemm ċertu numru ta' infrastrutturi kritiċi fil-Komunità, li l-interuzzjoni jew il-qerda tagħhom tkun tolqot ***tlit*** Stati Membri jew aktar jew ***żewġ Stati Membri*** għajr dak li fih tinsab l-infrastruttura kritika. Dan jista' jkollu effetti transkonfinali fuq setturi differenti, minħabba dipendenza bejn infrastrutturi konnessi. Tali infrastrutturi kritiċi Ewropej għandhom jiġu identifikati u magħżula permezz ta' proċedura komuni. Il-

ħtieġa għal titjib fil-ħarsien ta' dawn l-infrastrutturi kritiċi għandha tiġi eżaminata fi ħdan qafas komuni. Skemi bilaterali għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika jikkostitwixxu mezzi stabbiliti u effiċjenti ħafna biex jitrattaw l-infrastruttura kritika transkonfinali. L-EPCIP għandu jibni fuq din il-kooperazzjoni.

ħtieġa għal titjib fil-ħarsien ta' dawn l-infrastrutturi kritiċi għandha tiġi eżaminata fi ħdan qafas komuni. Skemi bilaterali għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika jikkostitwixxu mezzi stabbiliti u effiċjenti ħafna biex jitrattaw l-infrastruttura kritika transkonfinali. L-EPCIP għandu jibni fuq din il-kooperazzjoni.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Prinċipju tas-sussidjarjetà.

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 11
Premessa 6 a (ġdida)

(6a) L-infrastruttura kritika trid tkun imfassla b'tali mod li tnaqqas kemm jista' jkun l-eżistenza ta' konnessjonijiet ma' pajjiżi barra l-UE u ta' lokalizzazzjoni fihom meta dan ma jkunx meħtieġ. Il-lokalizzazzjoni ta' elementi ta' infrastruttura kritika barra l-UE żżid ir-riskju ta' attakki terroristiċi b'effetti ulterjuri fuq l-infrastruttura kollha, l-aċċess minn terroristi għal dejta maħżuna barra l-UE, kif ukoll ir-riskji ta' nuqqas ta' komformità mal-leġiżlazzjoni ta' l-UE, li jdgħajfu l-infrastruttura kollha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-każ riċenti tas-SWIFT wera li d-dejta kritika teħtieġ li titħares minn użu illegali minn awtoritajiet barranin jew parteċipanti privati.

Emenda mressqa minn Christian Ehler

Emenda 12
Premessa 10

(10) Biex it-titjib fil-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika Ewropea ikun aktar faċli, għandhom jiġu żviluppati metodoloġiji ġodda għall-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni ***tal-vulnerabilitajiet, it-theddid*** u r-riskji għall-assi infrastrutturali.

Biex it-titjib fil-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika Ewropea ikun aktar faċli, għandhom jiġu żviluppati metodoloġiji ġodda għall-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni ***tat-theddid*** u r-riskji ***u tal-vulnerabilitajiet strutturali*** għall-assi infrastrutturali.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Speċifikazzjoni neċessarja.

Emenda mressqa minn Christian Ehler

Emenda 13
Premessa 14

(14) L-iskambju ta' l-informazzjoni dwar l-Infrastruttura Kritika għandu jsir f'atmosfera ta' fiduċja u sigurtà. L-iskambju ta' l-informazzjoni jirrikjedi relazzjoni ta' fiduċja tant li l-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet ikunu jafu li l-informazzjoni sensittiva tagħhom ser tkun imħarsa b'mod xieraq. ***Biex jiġi mħeġġeġ l-iskambju ta' l-informazzjoni, għandu jkun ċar għall-industrija li l-benefiċċji li joħorġu mill-għoti ta' l-informazzjoni relatata ma' l-Infrastruttura Kritika huma akbar mill-ispejjeż għall-industrija u għas-soċjetà b'mod ġenerali. L-iskambju ta' l-informazzjoni dwar il-ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika għandha għalhekk tiġi mħeġġa.***

(14) L-iskambju ta' l-informazzjoni dwar l-Infrastruttura Kritika għandu jsir f'atmosfera ta' fiduċja u sigurtà. L-iskambju ta' l-informazzjoni jirrikjedi relazzjoni ta' fiduċja tant li l-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet ikunu jafu li l-informazzjoni sensittiva tagħhom ser tkun imħarsa b'mod xieraq.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Kunsiderazzjoni tal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

Emenda mressqa minn Christian Ehler

Emenda 14
Premessa 15

(15) Id-Direttiva tikkumplimenta miżuri settorjali eżistenti fuq il-livell Komunitarju u fl-Istati Membri. Fejn diġà jeżistu mekkaniżmi Komunitarji, dawn għandhom ikomplu jintużaw u ser jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tad-Direttiva b'mod ġenerali.

(15) Id-Direttiva tikkumplimenta miżuri settorjali eżistenti fuq il-livell Komunitarju u fl-Istati Membri. Fejn diġà jeżistu mekkaniżmi Komunitarji, dawn għandhom ikomplu jintużaw u ser jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tad-Direttiva b'mod ġenerali, ***mingħajr ma jiżdied spejjeż żejda minħabba rekwiżiti varji mingħajr gwadann fis-sigurtà.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Tnaqqis fil-piżijiet burokratiċi żejda mingħajr gwadann fis-sigurtà.

Emenda mressqa minn Christian Ehler

Emenda 15
Premessa 15 a (ġdida)

(15a) Din id-direttiva ma tikkunsidrax l-importanza speċjali tad-"dimensjoni esterna" ta' Infrastrutturi Kritiċi, bħal fl-industrija tal-finanzi jew fil-qasam ta' l-enerġija.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni, li turi li anki Infrastrutturi Kritiċi barra l-Unjoni Ewropea jista' jkollhom effetti enormi, b'mod partikolari fl-oqsma ta' l-industrija tal-finanzi u l-enerġija, u azzjoni biez tiżdied is-sigurtà hija neċessarja.

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 16
Artikolu 2, punt (b)

b) Infrastruttura Kritika Ewropea” tfisser dawk l-infrastrutturi kritiċi li l-interruzzjoni jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt serju fuq żewġ Stati Membri jew aktar, jew fuq **Stat Membru wieħed** jekk l-infrastruttura kritika tinsab fi Stat Membru ieħor. Dan jinkludi l-effetti li jirriżultaw minn dipendenzi bejn is-setturi fuq tipi oħra ta' infrastruttura.

b) Infrastruttura Kritika Ewropea” tfisser dawk l-infrastrutturi kritiċi li l-interruzzjoni jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt serju fuq **tliet** Stati Membri jew aktar, jew fuq **mill-inqas żewġ Stati Membri** jekk l-infrastruttura kritika tinsab fi Stat Membru ieħor. Dan jinkludi l-effetti li jirriżultaw minn dipendenzi bejn is-setturi fuq tipi oħra ta' infrastruttura.

Or. en

Emenda mressqa minn Christian Ehler

Emenda 17
Artikolu 2, punt (b)

b) "Infrastruttura Kritika Ewropea" tfisser dawk l-infrastrutturi kritiċi li l-interruzzjoni jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt serju fuq **żewġ** Stati Membri jew aktar, jew fuq **Stat Membru wieħed** jekk l-infrastruttura kritika tinsab fi Stat Membru ieħor. Dan jinkludi l-effetti li jirriżultaw minn dipendenzi bejn is-setturi fuq tipi oħra ta' infrastruttura.

b) "Infrastruttura Kritika Ewropea" tfisser dawk l-infrastrutturi kritiċi li l-interruzzjoni jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt serju fuq **tliet** Stati Membri jew aktar, jew fuq **żewġ stati Membri** jekk l-infrastruttura kritika tinsab fi Stat Membru ieħor. Dan jinkludi l-effetti li jirriżultaw minn dipendenzi bejn is-setturi fuq tipi oħra ta' infrastruttura.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Kunsiderazzjoni tal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

Emenda mressqa minn Christian Ehler

Emenda 18
Artikolu 2, punt (c), punt (a)

(2) l-effett **pubbliku (l-għadd ta' persuni milquta)**;

(a) l-effett **fuq il-persuni**;

Or. de

Ġustifikazzjoni

Speċifikazzjoni neċessarja.

Emenda mressqa minn Christian Ehler

Emenda 19
Artikolu 2, punt (c), punt (b)

b) l-effett **ekonomiku** (l-importanza tat-telf ekonomiku u/jew degradazzjoni tal-prodotti jew servizzi);

b) l-effett **fuq is-suq intern** (l-importanza tat-telf ekonomiku u/jew degradazzjoni tal-prodotti jew servizzi);

Or. de

Ġustifikazzjoni

Speċifikazzjoni neċessarja.

Emenda mressqa minn Christian Ehler

Emenda 20
Artikolu 2, punt (d)

d) "vulnerabilità":

d) "vulnerabilità **strutturali**":

Or. de

Ġustifikazzjoni

Speċifikazzjoni neċessarja.

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 21
Artikolu 3, paragrafu 1, subparagrafu 1

1. Il-kriterji trażversali jew settorjali li għandhom jiġu *wżati* għall-identifikazzjoni ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3). Jistgħu jiġu emendati

1. Il-kriterji trażversali jew settorjali li għandhom jiġu *użati* għall-identifikazzjoni ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej għandhom ***jinbnew fuq il-kriterji tal-ħarsien eżistenti u għandhom*** jiġu adottati skond il-proċedura

skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 11(3).

msemija fl-Artikolu 11(3). Jistgħu jiġu emendati skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 11(3).

Or. en

Emenda mressqa minn Christian Ehler

Emenda 22

Artikolu 3, paragrafu 1, subparagrafu 2

Il-kriterji trażversali li japplikaw b'mod orizzontali għall-infrastrutturi kritiċi kollha għandhom jiġu żviluppati b'kunsiderazzjoni għas-severità ta' l-effett ta' interruzzjoni jew qerda ta' infrastruttura partikolari. Għandhom jiġu adottati sa mhux aktar tard minn [*sena* mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Il-kriterji trażversali li japplikaw b'mod orizzontali għall-infrastrutturi kritiċi kollha għandhom jiġu żviluppati b'kunsiderazzjoni għas-severità ta' l-effett ta' interruzzjoni jew qerda ta' infrastruttura partikolari. Għandhom jiġu adottati sa mhux aktar tard minn [*sitt xhur* mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Or. de

Ġustifikazzjoni

Taqsis tal-proċedura.

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 23

Artikolu 3, paragrafu 1, subparagrafu 2

Il-kriterji trażversali li japplikaw b'mod orizzontali għall-infrastrutturi kritiċi kollha għandhom jiġu żviluppati b'kunsiderazzjoni għas-severità ta' l-effett ta' interruzzjoni jew qerda ta' infrastruttura partikolari. Għandhom jiġu adottati sa mhux aktar tard minn [*sena* mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Il-kriterji trażversali li japplikaw b'mod orizzontali għall-infrastrutturi kritiċi ***Ewropej*** kollha għandhom jiġu żviluppati b'kunsiderazzjoni għas-severità ta' l-effett ta' interruzzjoni jew qerda ta' infrastruttura partikolari. Għandhom jiġu adottati sa mhux aktar tard minn [*sena* mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 24

Artikolu 3, paragrafu 1, subparagrafu 3

Il-kriterji settorjali għandhom jiġu żviluppati għas-setturi l-aktar importanti b'kunsiderazzjoni għall-karatteristiċi ta' setturi ta' infrastruttura kritika individwali li jinkludu, kif jixraq, il-partijiet ikkonċernati rilevanti. Għandhom jiġu adottati għal kull settur bi prijorità sa mhux aktar tard minn sena mid-data ta' l-għażla bħala settur bi prijorità.

Il-kriterji settorjali għandhom jiġu żviluppati għas-setturi l-aktar importanti ***u għandhom jinbnew fuq miżuri ta' ħarsien eżistenti li huma*** b'kunsiderazzjoni għall-karatteristiċi ta' setturi ta' infrastruttura kritika individwali li jinkludu l-partijiet ikkonċernati rilevanti ***kollha, minħabba li s-setturi għandhom esperjenza, kompetenza u rekwiżiti partikolari li jirrigwardaw il-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika tagħhom.*** Għandhom jiġu adottati għal kull settur bi prijorità sa mhux aktar tard minn sena mid-data ta' l-għażla bħala settur bi prijorità.

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 25

Artikolu 3, paragrafu 1 subparagrafu 3 a (ġdid)

Fejn il-mekkaniżmi tal-Komunità jkunu diġà stabbiliti, dawn għandhom jibqgħu jintużaw. Id-duplikazzjoni ta' atti jew dispożizzjonijiet differenti jew il-kontradizzjonijiet bejniethom għandhom jiġu evitati b'mod assolut.

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 26

Artikolu 3, paragrafu 2, subparagrafu 1

2. Is-setturi bi proyorità li għandhom jintużaw għall-għanijiet ta' żvilupp ta' kriterji misjuba fil-paragrafu 1 għandhom jiġu identifikati mill-Kummissjoni fuq bażi annwali minn fost dawk elenkati fl-Anness I.

2. Is-setturi bi proyorità li għandhom jintużaw għall-għanijiet ta' żvilupp ta' kriterji misjuba fil-paragrafu 1 għandhom jiġu identifikati ***skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3)*** mill-Kummissjoni fuq bażi

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 27

Artikolu 3, paragrafu 3, subparagrafu 1

3. Kull Stat Membru għandu jidentifika l-infrastrutturi kritiċi li jinsabu fit-territorju tiegħu kif ukoll l-infrastrutturi kritiċi barra mit-territorju li jista' jkollhom impatt fuqu, li jissodisfaw il-kriterji adottati skond il-paragrafi 1 u 2.

3. Kull Stat Membru għandu jidentifika l-infrastrutturi kritiċi ***Ewropej possibbli*** li jinsabu fit-territorju tiegħu kif ukoll l-infrastrutturi kritiċi ***Ewropej possibbli*** barra mit-territorju li jista' jkollhom impatt fuqu, li jissodisfaw il-kriterji adottati skond il-paragrafi 1 u 2.

Or. en

Emenda mressqa minn Christian Ehler

Emenda 28

Artikolu 3 Paragrafu 3 Subparagrafu 1

3. Kull Stat Membru għandu jidentifika l-infrastrutturi kritiċi li jinsabu fit-territorju tiegħu kif ukoll l-infrastrutturi kritiċi barra mit-territorju li jista' jkollhom impatt ***fuqu***, li jissodisfaw il-kriterji adottati skond il-paragrafi 1 u 2.

Kull Stat Membru għandu jidentifika l-infrastrutturi kritiċi li jinsabu fit-territorju tiegħu kif ukoll l-infrastrutturi kritiċi barra mit-territorju li jista' jkollhom impatt ***fuq it-territorju taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu***, li jissodisfaw il-kriterji adottati skond il-paragrafi 1 u 2.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Speċifikazzjoni neċessarja.

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 29

Artikolu 3, paragrafu 3, subparagrafu 2

Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-infrastrutturi kritiċi identifikati b'dan il-mod, sa mhux aktar tard minn sena mid-data ta' l-adozzjoni tal-kriterji rilevanti u fuq bażi regolari wara dik id-data.

Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-infrastrutturi kritiċi **Ewropej possibbli** identifikati b'dan il-mod, sa mhux aktar tard minn sena mid-data ta' l-adozzjoni tal-kriterji rilevanti u fuq bażi regolari wara dik id-data.

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 30
Artikolu 4, paragrafu 1 a (ġdid)

1a. L-infrastruttura kritika Ewropea trid tkun infassla b'tali mod li tnaqqas kemm jista' jkun l-eżistenza ta' konnessjonijiet ma' pajjiżi barra l-UE u lokalizzazzjoni fihom meta dan ma jkunx meħtieġ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-każ riċenti tas-SWIFT wera li d-dejta kritika teħtieġ li titħares minn użu illegali minn awtoritajiet barranin jew parteċipanti privati.

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 31
Artikolu 4, paragrafu 2 a (ġdid)

2a. L-ipproċessar tad-dejta personali magħmul mill-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej, b'mod dirett jew permezz ta' intermedjarju, li huwa neċessarju għall-attivitajiet tagħhom, isir skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE u l-prinċipji applikabbli fir-rigward tal-ħarsien tad-dejta. L-ipproċessar tad-dejta għandu jsir fuq territorju ta' l-UE u kwalunkwe kkoppjar ta' dejta barra t-territorju ta' l-UE huwa proċbit minħabba raġunijiet ta' sikurezza.

Ġustifikazzjoni

Il-każ riċenti tas-SWIFT wera li d-dejta kritika teħtieġ li titħares minn użu illegali minn awtoritajiet barranin jew parteċipanti privati.

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 32

Artikolu 4, paragrafu 2, subparagrafu 1

2. Il-lista ta' infrastrutturi kritiċi magħżula bħala Infrastrutturi Kritiċi Ewropej għandha tiġi adottata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3).

2. Il-lista ta' infrastrutturi kritiċi magħżula bħala Infrastrutturi Kritiċi Ewropej għandha tiġi adottata ***mill-Istati Membri***.

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 33

Artikolu 5, paragrafu 1 a (ġdid)

B'komformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3), għandha tiġi adottata lista ta' miżuri ta' ħarsien eżistenti li huma applikabbli għas-setturi speċifiċi elenkati fl-Anness I. Il-komformità ma' waħda jew iżjed mill-miżuri ta' ħarsien elenkati tissodisfa r-rekwiżit li jiġi stabbilit u aġġornat Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi.

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 34

Artikolu 5, paragrafu 2, subparagrafu 2

Filwaqt li taġixxi skond il-proċedura

imħassar

msemija fl-Artikolu 11(2), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li l-osservanza ta' miżuri applikabbli għal setturi partikolari elenkati fl-Anness I tissodisfa r-rekwiżiti biex tistabbilixxi u taġġorna Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi.

Or. en

(ara l-AM għall-Artikolu 6 paragrafu 1 a (ġdid))

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 35

Artikolu 5, paragrafu 3, subparagrafu 1

3. Il-propjetarju/operatur ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea għandu jissottometti Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi lill-Istat Membru rilevanti fi żmien sena mill-għażla ta' l-infrastruttura kritika bħala Infrastruttura Kritika Ewropea.

3. Il-propjetarju/operatur ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea għandu jissottometti Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi ***lill-Punt ta' Kuntatt tas-CIP*** fi żmien sena mill-għażla ta' l-infrastruttura kritika bħala Infrastruttura Kritika Ewropea.

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 36

Artikolu 5, paragrafu 3, subparagrafu 2

Fejn ir-rekwiżiti speċifiċi għal settur partikolari dwar Il-Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi jiġu adottati skond il-paragrafu 2, il-pjan tas-sigurtà għall-operaturi għandu jkun sottomess biss lill-Istat Membru *relattiv* fi żmien sena mill-adozzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi għas-settur partikolari.

Fejn ir-rekwiżiti speċifiċi għal settur partikolari dwar Il-Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi jiġu adottati skond il-paragrafu 2, il-pjan tas-sigurtà għall-operaturi għandu jkun sottomess biss ***lill-Punt ta' Kuntatt tas-CIP rilevanti*** fi żmien sena mill-adozzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi għas-settur partikolari.

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 37
Artikolu 5 Paragrafu 5

5. Il-konformità mad-Direttiva Nru 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet diġà tilħaq ir-rekwiżit li twaqqaf Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi.

imħassar

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 38
Artikolu 6, paragrafu 1

1. Kull Stat Membru għandu jeżiġi li l-propjetarji/operaturi ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej li jinsabu fit-territorju tiegħu jinnominaw Uffiċjal għall-Koordinazzjoni fis-Sigurtà bħala punt ta' kuntatt għall-kwistjonijiet relatati mas-sigurtà bejn il-propjetarju/operatur ta' l-infrastruttura u l-awtoritajiet għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika rilevanti fl-Istat Membru. L-Uffiċjal għall-Koordinazzjoni fis-Sigurtà għandu jkun nominat fi żmien sena mill-għażla ta' l-infrastruttura kritika bħala Infrastruttura Kritika Ewropea.

Or. en

1. Kull Stat Membru għandu jeżiġi li l-propjetarji/operaturi ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej li jinsabu fit-territorju tiegħu jinnominaw Uffiċjal għall-Koordinazzjoni fis-Sigurtà bħala punt ta' kuntatt għall-kwistjonijiet relatati mas-sigurtà bejn il-propjetarju/operatur ta' l-infrastruttura u l-**Punt ta' Kuntatt tas-CIP** fl-Istat Membru. L-Uffiċjal għall-Koordinazzjoni fis-Sigurtà għandu jkun nominat fi żmien sena mill-għażla ta' l-infrastruttura kritika bħala Infrastruttura Kritika Ewropea.

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 39
Artikolu 6, paragrafu 1 a (ġdid)

B'komformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3), għandha tiġi adottata lista ta' miżuri ta' ħarsien eżistenti li huma applikabbli għas-setturi speċifiċi elenkati fl-Anness I. Il-komformità ma' waħda jew iżjed mill-miżuri ta' ħarsien7 elenkati tissodisfa r-rekwiżit li jinħatar Uffiċjal

għall-Koordinazzjoni fis-Sigurtà.

Or. en

(ara l-AM għall-Artikolu 5 paragrafu 2 subparagrafu 2)

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 40
Artikolu 6, paragrafu 2

2. Kull Stat Membru għandu jikkomunika l-informazzjoni rilevanti dwar ir-riskji u t-theddid identifikati lill-Uffiċjali għall-Koordinazzjoni fis-Sigurtà ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea *relattiva*.

Kull Stat Membru għandu jikkomunika l-informazzjoni rilevanti dwar ir-riskji u t-theddid identifikati lill-Uffiċjali għall-Koordinazzjoni fis-Sigurtà ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea *konċernata permezz tal-Punt ta' Kuntatt tas-CIP nazzjonali*.

Or. en

Emenda mressqa minn Christian Ehler

Emenda 41
Artikolu 7 Paragrafu 2 Subparagrafu 1

2. Kull Stat Membru għandu jirraporta lill-Kummissjoni fil-qosor, fuq it-tipi ta' vulnerabilitajiet, theddid u riskji li ltaqa' magħhom f'kull settur imsemmi fl-Anness I fi żmien **19-il xahar** mill-adozzjoni tal-lista misjuba fl-Artikolu 4(2) et seq fuq bażi regolari, kull sentejn.

2. Kull Stat Membru għandu jirraporta lill-Kummissjoni fil-qosor, fuq it-tipi ta' vulnerabilitajiet, theddid u riskji li ltaqa' magħhom f'kull settur imsemmi fl-Anness I fi żmien **12-il xahar** mill-adozzjoni tal-lista misjuba fl-Artikolu 4(2) et seq fuq bażi regolari, kull sentejn.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Taqsisra tal-proċedura.

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 42
Artikolu 7, paragrafu 3

3. Il-Kummissjoni għandha teżamina fuq bażi settorjali jekk teżistix il-ħtieġa ta'

3. B'komformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3), għandha ssir

miżuri għall-ħarsien speċifiku ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej.

evalwazzjoni fuq bażi settorjali sabiex jiġi identifikat jekk teżistix il-ħtieġa ta' miżuri għall-ħarsien speċifiku ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej.

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 43
Artikolu 7, paragrafu 4

4. Metodoloġiji komuni għall-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltajiet, theddid u riskji relatati ma' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej jistgħu jiġu żviluppati fuq bażi settorjali skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3).

4. Jekk ikun meqjus neċessarju, metodoloġiji komuni għall-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltajiet, theddid u riskji relatati ma' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej jistgħu jiġu żviluppati fuq bażi settorjali skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3).
Metodoloġiji komuni bħal dawn għandhom iqisu l-metodoloġiji eżistenti.

Or. en

Emenda mressqa minn Christian Ehler

Emenda 44
Artikolu 8

Il-Kummissjoni għandha tappoġġja lill-propjetarji/operatori ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej billi tagħti aċċess għall-aħjar prassi eżistenti u għall-metodoloġiji relatati mal-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika.

Il-Kummissjoni għandha tappoġġja ***fuq it-talba ta' l-Istati Membri*** lill-propjetarji/operatori ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej billi tagħti aċċess għall-aħjar prassi eżistenti u għall-metodoloġiji relatati mal-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Garanzija li jiġu inklużi l-Istati Membri.

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 45
Artikolu 10, paragrafu 2

2. Kull persuna li għandha aċċess u tħaddem, għan-nom ta' Stat Membru, l-informazzjoni kunfidenzjali skond din id-Direttiva għandu jkollha livell xieraq ta' skrutinju mill-Istat Membru ikkonċernat dwar dak li għandu x'jaqsam ma' sigurtà.

2. Kull persuna li għandha aċċess u tħaddem, għan-nom ta' Stat Membru, l-informazzjoni kunfidenzjali skond din id-Direttiva għandu jkollha ***l-ogħla*** livell ta' skrutinju mill-Istat Membru ikkonċernat dwar dak li għandu x'jaqsam ma' sigurtà.

Or. en

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 46
Artikolu 10 Paragrafu 3

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Infomazzjoni dwar il-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika sottomessa lill-Istati Membri jew lill-Kummissjoni, ma tintużax għal għan ieħor għajr il-ħarsien ta' l-infarstrutturi kritiċi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Infomazzjoni dwar il-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika ***Ewropea*** sottomessa lill-Istati Membri jew lill-Kummissjoni, ma tintużax għal għan ieħor għajr il-ħarsien ta' l-infarstrutturi kritiċi ***Ewropej***.

Or. en

Emenda mressqa minn Christian Ehler

Emenda 47
Artikolu 11 Paragrafu 1

1. Il-Kummissjoni għandha tkun *mgħejjuna* minn Kumitat magħmul minn rappreżentanti ta' kull Punt ta' Kuntatt tas-CIP.

1. Il-Kummissjoni għandha tkun *megħjuna* minn Kumitat magħmul minn ***rappreżentant minn kull Stat Membru***.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Kunsiderazzjoni tal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

Emenda mressqa minn Sophia in 't Veld

Emenda 48

Artikolu 12, paragrafu 1 subparagrafu 1

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex titħares id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-31 ta' Diċembru 2007. Għandhom jikkomunikaw mill-aktar fis possibbli lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex titħares id-Direttiva sa mhux aktar tard **mill-1 ta' Lulju 2008**. Għandhom jikkomunikaw mill-aktar fis possibbli lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 49

Anness I, ringiela VII, settur 'Il-Finanzi', subsettur Nru 19

19. Infrastrutturi u sistemi ta' l-ipproċessar u l-ġheluq

19. Infrastrutturi u sistemi ta' l-ipproċessar u l-ġheluq **u l-fornituri tas-servizz tagħhom**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-każ riċenti tas-SWIFT wera li d-dejta kritika teħtieġ li titħares minn użu illegali minn awtoritajiet barranin jew parteċipanti privati.